



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2010/2300(INI)**

17.3.2011

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw  
(2010/2300(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Charles Goerens

PR\_INI

**WERREJ**

**Pàġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

NOTA SPJEGATTIVA .....7

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw  
(2010/2300(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-impenji fir-rigward tal-volum ta' għajnuna, tal-għajnuna lill-Afrika tas-Sub-Saħara, u tal-kwalità tal-għajnuna li ttieħdu mill-G8 fis-Samit ta' Gleneagles u fil-laqgħat kollha sussegwenti tal-G8 u l-G20,
- wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp<sup>1</sup> u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar il-Komplementarjetà u d-Diviżjoni tax-Xogħol fil-Politika tal-Iżvilupp<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna u l-Aġenda ta' Akkra għal Azzjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE li jistipola li “L-Unjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-oġġettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolgot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw”,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (“Strument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp”<sup>3</sup> (DCI)),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2006 dwar l-effettività tal-għajnuna u l-korruzzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-Seba', it-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2008<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 11/2010 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-Sostenn Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja”,

<sup>1</sup> ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

<sup>2</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 9558/07 tal-15 ta' Mejju 2007.

<sup>3</sup> ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

<sup>4</sup> ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 316.

<sup>5</sup> ĠU L 252, 25.9.2010, p. 109.

<sup>6</sup> Testi Adottati, P7\_TA (2011)0030.

- wara li kkunsidra l-Green Paper mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi terzi" (COM(2010)0586 finali),
  - wara li kkunsidra d-dokument tal-Kummissjoni tal-2007 bit-titolu "*Guidelines on the Programming, Design & Management of General Budget Support*",
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2008 bit-titolu "Appoġġ baġitarju: Il-mod effikaċi għall-finanzjament tal-iżvilupp?",
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0000/2011),
- A. billi l-eliminazzjoni tal-faqar tikkostitwixxi l-għan prinċipali tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona,
  - B. billi għal numru ta' donaturi l-appoġġ baġitarju (AB) huwa mezz sabiex tiġi promossa s-sjieda mill-pajjiżi msieħba ta' politiki ta' żvilupp u proċessi ta' riforma, biex jissaħħu l-istituzzjonijiet u s-sistemi nazzjonali ta' responsabbiltà, u jiġu ffaċilitati t-tkabbir, it-tnaqqis tal-faqar u l-ksib tal-oġġettivi fil-qasam tal-iżvilupp,
  - C. billi l-appoġġ baġitarju jippermetti li jixxejnu n-nuqqasijiet tal-approċċ tradizzjonali għall-proġetti (kosti għoljin ta' tranżazzjoni, sistemi paralleli fframmentati),
  - D. billi, minkejja r-riskji msemmija mill-Qorti tal-Awdituri Ewropea fir-rapporti tagħha dwar l-AB, l-"approċċ dinamiku" fil-kundizzjonalità ġenerali tal-AB jibqa' strument importanti ferm ta' dialogu politiku; billi, minkejja dan, l-AB fl-ebda każ ma jista' jiġi kkunsidrat bħala "ċekk inbjank",
  - E. billi l-impenji kollha meħuda mill-pajjiżi benefiċjarji fil-konfronti tas-sħab tagħhom kollha jistgħu fiż-żmien jagħmlu diffiċli l-użu tagħhom peress li l-kundizzjonalitajiet tad-donaturi xi drabi jirriżultaw kontradittorji;
  - F. billi, s'issa, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem (imsejħa tal-ewwel ġenerazzjoni) ġie invokat mill-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-ftehimiet ta' sħubija iktar milli l-ksur tad-drittijiet soċjoekonomiċi (imsejħa tat-tieni ġenerazzjoni),
  - G. billi d-donaturi kollha għandhom jikkonsultaw ma' xulxin ħalli tiġi evitata kull inkoerenza fil-livell tal-kundizzjonalità,
  - H. billi r-responsabbiltà tal-gvern sieħeb fil-qasam tal-ġestjoni baġitarja fir-rigward taċ-ċittadini tiegħu tikkostitwixxi fattur essenzjali biex jiżviluppa l-kapaċità permezz tal-involvement tal-parlament tiegħu kif ukoll tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-finanzi pubbliċi,
  - I. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni ddefinita permezz tal-Green Paper dwar l-AB li tippredvi, fl-ewwel lok, il-promozzjoni tal-iżvilupp endoġeniku tal-pajjiżi sħab;

2. Ifakkar ir-rwol innovattiv tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-AB, filwaqt li jenfasizza li l-Unjoni għandha l-missjoni li tiżviluppa metodoloġija kif ukoll kundizzjonalità vijabbli għad-donaturi l-oħra;
3. Jenfasizza li l-approċċ dinamiku, adottat mill-Kummissjoni kif ukoll mill-maġġoranza tal-fornituri tal-AB, fih għadd ta' riskji li għandhom jitqiesu b'mod xieraq;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu kemm il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kummissjoni kif ukoll il-kontroll parlamentari tal-pajjiżi benefiċjarji tal-AB; jenfasizza wkoll li l-implimentazzjoni ta' kontroll ottimali tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi benefiċjarji għandha tikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel għal kull ħruġ ta' fondi;
5. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu involuti sistematikament il-parlamenti u s-soċjetà ċivili fid-djalogu dwar il-politiki tal-ġlieda kontra l-faqar u r-reviżjonijiet annwali tal-appoġġ baġitarju;
6. Huwa mħasseb dwar l-effetti ta' distabilizzazzjoni markoekonomika u l-impatt fuq il-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli li jistgħu jirriżultaw minn waqfien f'daqqa tal-AB; jipproponi l-implimentazzjoni, fil-qafas ta' azzjoni kkoordinata mid-donaturi tal-fondi, ta' mekkaniżmu ta' progressività fit-tnaqqis tal-ħlasijiet tal-AB, li sseħħ b'mod ikkoordinat bejn id-donaturi, u dan jista' jnaqqas dawn l-impatti, jiffavorixxi d-djalogu politiku u jippermetti li jinstabu soluzzjonijiet ikkoordinati għad-diffikultajiet affaċċjati;
7. Ifakkar dwar il-kundizzjonijiet marbuta mat-trasparenza u l-ġestjoni t-tajba tal-finanzi pubbliċi stabbiliti bl-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou, kif ukoll dawk iddefiniti fl-Artikolu 25(1)(b) tal-istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) għall-ġhoti tal-AB;
8. Ifakkar li nuqqasijiet sinifikattivi fir-rigward tal-kapaċità, u b'mod partikolari l-governanza dgħajfa, jistgħu jċaħdu numru ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-AB;
9. Ifakkar li nuqqas ta' progressi fil-livell tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi jċaħħad ukoll numru sinifikattiv ta' pajjiżi mill-AB;
10. Jinkoraġġixxi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jipromwovu l-iżvilupp parteċipatorju f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim ta' Cotonou, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni tas-soċjetà ċivili;
11. Jenfasizza li waqt l-ġhoti tal-AB lill-pajjiżi AKP fornituri tal-banana, li jibbenefikaw minn miżuri ta' akkumpanjament f'dan is-settur, huwa importanti li jiġu inklużi fil-parti varjabbli, fuq bażi ta' indikaturi ta' governanza, il-kundizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 17a tar-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (16447/1/2010 – C7-0424/2010 – 2010/0059(COD))<sup>1</sup>;

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA-PROV(2011)0030.

12. Jesiġi li l-Kummissjoni tippubblika l-ftehimiet mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qasam tal-AB kif ukoll il-kuntratti tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;
13. Jitlob lill-Kummissjoni tippubblika wkoll il-kundizzjonalitajiet kif ukoll l-indikaturi tal-prestazzjoni fil-kuntest tad-"dokumenti ta' strateġija skont il-pajjiż" waqt ir-rieżami ta' nofs it-terminu;
14. Jistieden lill-Istati Membri juru aktar koerenza fuq il-livell nazzjonali u dak Komunitarju fil-qasam tal-politika ta' għajnuna għall-iżvilupp; jitlob lill-Istati Membri jsaħħu l-koordinament tagħhom mal-Kummissjoni għal dak li jikkonċerna l-AB sabiex jiġu evitati l-irkib u l-inkoerenzi;
15. Jistieden lill-Kummissjoni żżid it-tagħrif dwar ir-riskji inerenti għall-prattika tal-AB billi tiżvela l-impatt pożittiv tal-AB fil-qasam tal-emanċipazzjoni tas-sħab;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. Introduzzjoni

L-appoġġ baġitarju (AB) hu t-trasferiment ta' riżorsi finanzjarji ta' aġenzija ta' finanzjament esterna lit-Teżor Nazzjonali tal-pajjiż imsieħeb, wara li dan tal-aħħar ikun irrispetta l-kundizzjonijiet miftehma tal-ħlas. Għalhekk, ir-riżorsi finanzjarji li jaslu huma parti mir-riżorsi globali tal-pajjiż imsieħeb, u bħala konsegwenza jintużaw skont is-sistema ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tiegħu.

Anki jekk l-appoġġ baġitarju ilu ħafna li ngħata – fil-fatt mill-Pjan Marshall – din il-modalità saret popolari mis-snin 80 u 90 meta l-Bank Dinji u diversi koperazzjonijiet bilaterali bdew jipprovdu appoġġ baġitarju taħt forma ta' għajjnuna għall-bilanċ tal-pagamenti.

It-tieni fażi tal-AB, fil-perjodu bejn l-2000 u l-2005, daħħlet approċċ ġdid ikkoordinat ta' appoġġ baġitarju ġenerali. Din il-forma ta' appoġġ baġitarju kellha bħala għan li tagħti appoġġ lill-politiki u lill-istrateġiji tal-pajjiżi msieħba sabiex wieħed jidħol fid-dettall tal-kunċetti tas-sjieda u tal-partenarjat msaħħaħ.

Fl-aħħar nett, attwalment qed nassistu għar-rikonoxximent tal-AB bħala l-iktar modalità effettiva biex jintlaħqu l-oġettivi tal-aġenda ta' Pariġi u ta' Accra. Dan l-approċċ huwa bbażat fuq it-tmexxija b'saħħitha tal-gvern, id-definizzjoni tal-impenji taż-żewġ partijiet, it-tipi ta' funzjonament tas-sħubija u tar-responsabbiltajiet reċiproċi. Barra minn hekk, kien hemm armonizzazzjoni ikbar tal-proċeduri, il-modalitajiet u l-ħlasijiet tal-appoġġ fost id-donaturi.

L-UE tipprovdi appoġġ baġitarju biss lill-pajjiżi li jissodisfaw it-tliet kriterji ta' eliġibilità li ġejjin: meta jkunu qed jitħaddmu jew jiġu implimentati a) politika u strateġija nazzjonali ta' żvilupp definita sew; b) qafas makroekonomiku orjentat lejn l-istabilità; c) programm rilevanti u kredibbli biex tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja pubblika.

Matul il-perjodu 2003-2009, il-Kummissjoni Ewropea għamlet impenji dwar l-appoġġ baġitarju li jlaħħqu 'l fuq minn EUR 13-il biljun (madwar 25% tal-impenji kollha matul dan il-perjodu). Madwar 56% tal-impenji kienu intenzjonati għall-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), 24% għall-pajjiżi rilevanti tal-politika Ewropea tal-viċinat, 8% għall-Asja, 6% għall-Amerika Latina u 5% għall-Afrika t'Isfel.

### 2. L-impatt tal-AB: evalwazzjoni li għadha ambigwa

Fl-evalwazzjoni tal-2006<sup>1</sup> dwar l-AB fil-Burkina Faso, il-Malawi, il-Możambik, in-Nikaragwa, l-Uganda, ir-Rwanda u l-Vjetnam, ikkummissjonata mill-Kumitat għall-Għajjnuna fl-Iżvilupp tal-OKŻE, ġie konkluż li l-appoġġ baġitarju kellu effetti pożittivi fuq l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, u fuq il-kapaċità governattiva, partikolarment fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

---

<sup>1</sup> IDD and Associates, “Évaluation conjointe de l'appui budgétaire général 1994-2004” (Evalwazzjoni konġunta tal-appoġġ baġitarju ġenerali 1994-2004), Mejju 2006

L-evalwazzjoni sabet ukoll li l-AB kellu effetti pożittivi fuq l-armonizzazzjoni u l-allinjament, kif ukoll fuq it-tisħiħ tas-sjieda u r-responsabilità governattiva. Barra minn hekk, evalwazzjonijiet indipendenti reċenti mill-Kummissjoni Ewropea tal-programmi skont il-pajjiż ġeneralment ikkonfermaw ir-relevanza tiegħu, u rrakkomandaw li jkompli.

Madankollu, dawn l-evalwazzjonijiet esprimew riżervi dwar l-impatti tal-AB fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-bini tad-demokrazija fil-pajjiżi li jirċievu l-għajjnuna. B'mod ġenerali, huwa diffiċli li wieħed jivvaluta l-impatt tal-AB fuq it-tnaqqis tal-faqar u indikaturi sinifikattivi oħra tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Bl-istess mod, għad baqa' riskji potenzjali tal-AB: żieda fil-volatilità tal-għajjnuna, kumplessità tal-monitoraġġ, aġġustamenti fiskali ibsin f'każ li dan jitwaqqaf. Fl-aħħar każ, il-konsegwenzi għall-popolazzjonijiet foqra jistgħu jkunu diżastrużi, speċjalment jekk ċerti spejjeż rikorrenti li jirrigwardaw l-għalliema, il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa jew ix-xiri ta' mediċini jiddependu parzjalment mill-għajjnuna esterna. Is-sospensjoni tal-AB f'pajjiż riċevitur għandha konsegwenzi fuq il-pajjiżi ġirien ukoll.

### **3. Kondizzjonijiet għad-dħul mhux neċessarjament koerenti**

Biex ikunu eliġibbli, il-pajjiżi li qed jirċievu jridu jkunu laħqu livell ta' sjieda suffiċjenti fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-faqar, il-ġestjoni makroekonomika, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-governanza. Fil-verità, ġew osservati differenzi kbar bejn il-pajjiżi li jingħataw l-AB. Skont l-evalwazzjonijiet, is-sentiment tas-sjieda kien qawwi u s-sitwazzjoni makroekonomika kienet waħda soda fl-Uganda, il-Vjetnam u r-Rwanda filwaqt li dawn kienu dgħajfa fil-Malawi, il-Możambik u l-Burkina Faso.

Wieħed jistaqsi żewġ mistoqsijiet: l-ewwel nett, li l-għażla tal-pajjiżi li qed jirċievu l-AB setgħet kienet ibbażata fuq il-fiduċja li l-pajjiżi donaturi għandhom fil-persunal politiku jew fil-kapijiet tal-Istat li jkun hemm anki jekk, fir-rigward tal-kriterji stipolati, ċerti pajjiżi mhumiex "lesti". It-tieni nett, li l-għajjnuna baġitarja tidher li hija mmaniġġjata, prinċipalment, skont il-konsiderazzjonijiet diplomatiċi u (ġeo)politiċi kif ukoll skont ir-relazzjonijiet "personali" li mhumiex daqstant evidenti, billi l-ġustifikazzjoni uffċjali tagħha hija ristretta għal konsiderazzjonijiet ta' natura teknika.

Fil-fatt, l-għajjnuna baġitarja globali tista' tieħu xejra politika iktar qawwija, saħansitra riskjuża.

### **4. L-AB u s-sjieda tal-aġenda għall-iżvilupp**

Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi għamlet is-sjieda bħala l-pedament tas-sistema l-ġdida tal-għajjnuna internazzjonali. Iżda l-implimentazzjoni tat-"tmexxija" u tar-responsabilità meħtieġa mhijiex bilfors identika għall-idea li l-Istati, il-persuni eletti u s-soċjetà ċivili jkunu awtonomi.

Fil-prattika, wieħed jista' jinnota diversi livelli tas-sjieda skont il-karatteristiki speċifiċi tal-AB kkonċernat u skont il-maturità tas-sistema demokratika u ta' ġestjoni tal-finanzi tal-pajjiż



imsieħeb. Sal-lum, m'hemmx evidenza definitiva dwar ir-rabta kawżali bejn l-AB u s-sjieda: l-istudji juru li l-AB ma jbidilx ir-realtajiet politiċi sottostanti (dan jirrappreżenta aspirazzjoni mhux realista għal kull tip ta' għajnuna).

Barra minn hekk, jidher li għad-donaturi, is-sjieda hija limitata għall-fatt li l-kapijiet politiċi u amministrattivi tal-pajjiżi benefiċjarji juru impenn determinat u sostenibbli lejn ir-riformi baġitarji u r-responsabilitajiet finanzjarji rrakkomandati mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, fosthom il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) b'mod partikolari.

Bl-istess mod, għas-soċjetà ċivili, id-donaturi ma żammewx l-impenn tagħhom li jinkludu b'mod sistematiku lill-membri parlamentari u lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fid-djalogu tagħhom mal-gvernijiet tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw.

Dan l-approċċ jista' jwassalna biex nistabbilixxu Stati "żviluppati", li jkollhom burokrazija teknikament effikaċi. Jidher sew li l-kwistjoni ċentrali tibqa' dik ta' "kif" is-sjieda titwettag (tmexxija, rieda, enerġija użata, eċċ.) u mhux il-kwistjoni ta' "xiex": dwar xiex tittratta s-sjieda u x'inhu l-kontenut tagħha.

## 5. L-AB mogħti mill-Kummissjoni Ewropea: evalwazzjoni mhux ċerta

### L-approċċ "dinamiku"

F'dokument dwar l-appoġġ baġitarju ppubblikat fl-2008<sup>1</sup>, il-Kummissjoni tafferma li hija tinterspreta b'"mod dinamiku" il-kondizzjonijiet stipolati mill-Artikolu 61(2) tal-Ftehim ta' Cotonou. Hija tqis li n-nuqqasijiet li jaffettwaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi li jeżistu fil-waqt li tittieħed id-deċiżjoni tal-finanzjament ma jostakolawx it-tnedija ta' programm tal-għajnuna baġitarja, jekk ir-rieda għar-riformi u dawn tal-aħħar jitqiesu sodisfaċenti. Il-kunċett ewlieni għall-Kummissjoni huwa "d-direzzjoni segwita mill-pajjiż".

Din l-interpretazzjoni dinamika tal-kondizzjonijiet tal-eliġibilità, u b'mod partikolari ta' dik li tirrigwarda l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, tista' żżid ir-riskju fuq medda qasira ta' żmien. Din hija l-opinjoni mhux biss tal-Kummissjoni iżda anki tal-Qorti tal-Awdituri, li fir-rapport speċjali tagħha nru 2/2005 kif ukoll fir-rapport annwali tagħha tal-2009 tivvaluta li l-Kummissjoni għandha turi l-eliġibilità u l-prestazzjoni fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi b'mod aktar espliċitu, formali u strutturat.

Bl-istess mod, l-Artikolu 25.1(b) tal-istrument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) jistipola li l-appoġġ baġitarju għandu jingħata "jekk l-amministrazzjoni tal-infiq pubbliku tal-Istat imsieħeb tkun trasparenti, affidabbli u effikaċi biżżejjed" u li l-approċċ għandu jkun "ibbażat fuq riżultati u indikaturi tar-rendiment".

### L-AB u l-effikaċja tal-għajnuna

Matul l-aħħar evalwazzjoni tiegħu tal-Għajnuna tal-Komunità Ewropea fl-2007, il-Kumitat

---

<sup>1</sup> "Appoġġ baġitarju : Kwistjoni ta' fiduċja reċiproka". Komunitajiet Ewropej, 2008

għall-Għajnuna fl-Iżvilupp (DAC) għamel sensiela ta' rapporti rigward l-irwol tal-appoġġ baġitarju għall-promozzjoni tal-oġġettivi tal-Aġenda tal-effikaċja tal-għajnuna. Fi ftit kliem, id-DAC jenfasizza li:

- a) Il-Kummissjoni għandha toqgħod lura milli tuża l-appoġġ baġitarju biex tħaffef it-trasferimenti finanzjarji fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tal-isforz ta' għajnuna jew biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' 50%.
- b) Il-Kummissjoni għandha teżamina l-mezzi biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali jiġu assoċjati mal-monitoraġġ tal-infiq u tal-impatt tal-appoġġ baġitarju.
- c) Il-Parlament Ewropew jobbliga politikament li tingħata għajnuna biss lill-pajjiżi li jissodisfaw standards minimi fil-qasam tal-governanza u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

Barra minn hekk, f'ċerti każijiet id-donaturi jmorru kontra l-prinċipju tal-vantaġġ tal-AB fuq l-għajnuna għal proġett. Evalwazzjoni reċenti<sup>1</sup> turi li fil-livell settorjali, id-dgħufja tal-politiki, l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-għoti ta' servizzi ħeġġet lid-donaturi jimplimentaw proġetti biex jgħinu s-sistemi tagħhom stess u biex jadottaw imġiba bilaterali u mhux ikkoordinata. Dan il-mod ta' kif wieħed jipproċedi jdghajef ħafna l-politiki, l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-għoti ta' servizzi settorjali, ħaġa li ssaħħaħ ir-reazzjoni oriġinali tad-donaturi quddiem is-sitwazzjoni.

F'dan il-kuntest, hemm riskju li jkun partikolarment diffiċli li wieħed ilaqqa' dawn l-aspettattivi mat-tweqqi tal-oġġettiv li stabbiliet l-UE li żżid l-appoġġ baġitarju tagħha u li ttejjeb l-għajnuna tagħha.

## **6. Miżuri ta' akkumpanjament biex jissaħħaħ id-djalogu politiku**

Wieħed mill-assi tal-konsultazzjoni tal-Kummissjoni jittratta "l-irwol tad-djalogu politiku, l-irwol tal-kundizzjonalità, u r-rabti mal-prestazzjoni u r-riżultati". Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni fasslet tliet ideat fundamentali:

- a) Ir-responsabilità ta' gvern imsieħeb lejn iċ-ċittadini tiegħu hu mutur ewlieni biex jinkisbu r-riżultati tal-iżvilupp u l-appoġġ baġitarju fil-prinċipju hu suġġett għal skrutinju tal-parlament u l-istituzzjonijiet ta' verifika tal-finanzi pubbliċi;
- b) Madankollu, sa issa kien hemm biss titjib modest fir-responsabilità domestika, inparti għax il-kapaċità tas-soċjetà ċivili u tal-parlamenti li jiddefendu u jissorveljaw l-għażliet ta' politika fi proċess baġitarju trasparenti għadha dgħajfa f'bosta pajjiżi.
- c) L-appoġġ ta' istituzzjonijiet u sistemi nazzjonali ta' responsabilità hu sfida kbira għad-donaturi involuti fl-appoġġ baġitarju.

---

<sup>1</sup> ODI/ Mokoro, "L'Appui Budgétaire Sectoriel dans la pratique Rapport de synthèse" (L-Appoġġ Baġitarju Settoralji fil-Prattika. Rapport Sommarju), Frar 2010

F'dan ir-rigward, il-PE diġà indika l-importanza li titwaqqaf sistema li tinvolvi sistematikament lill-parlamenti u lis-soċjetà ċivili fid-djalogu tal-politika tal-ġlieda kontra l-faqar u r-reviżjonijiet annwali tal-appoġġ baġitarju.

Bl-istess mod, din is-sistema għandha tippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u l-opinjoni pubblika iġenerali sabiex is-soċjetà ċivili, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet privati jkunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom fil-qafas tal-konsultazzjonijiet tal-gruppi tematiċi mwaqqfa għall-monitoraġġ tal-appoġġ baġitarju.

## **7. Konklużjonijiet**

Il-Kumitat għall-Iżvilupp, qabel jistabbilixxi l-pożizzjoni definittiva tiegħu, jixtieq li l-Kummissjoni tiċċara l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Billi l-UE hija d-donatur ewlieni tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp, tista' tinfluwenza lid-donaturi l-oħra, b'mod partikolari l-FMI u l-Bank Dinji, sabiex ikollha pożizzjoni koerenti komuni dwar il-kriterji tal-ġhoti tal-AB?
- X'jista' jkun ekwivalenti għall-AB għal dawk il-pajjiżi li ma jibbenefikawx minnu?
- Matul is-sospensjoni tal-AB f'pajjiż, il-Kummissjoni tikkunsidra l-impatt ta' tali deċiżjoni fuq l-integrazzjoni reġjonali?
- L-AB hu l-aqwa stimulu għall-iżvilupp endoġeniku?

## Anness 1

Lista tal-pajjiżi riċevituri tal-ghajjnuna għall-iżvilupp fl-2009 permezz tal-AB skont l-istrument ta' finanzjament

FEŻ AKP			DCI		
Pajjiż	Kontribuzzjoni KE	Strument ta' finanzjament	Pajjiż	Kontribuzzjoni KE	Strument ta' finanzjament
Benin	€51.400.000	FEŻ	Kongo (Repubblika Demokratika tal-Kongo)	€26.000.000	DCI - Thema
Botswana	€60.000.000	FEŻ	Bolivja	€7.750.000	DCI - Thema
Burkina Faso	€55.420.000	FEŻ	Ekwador	€26.400.000	DCI - Geo
Burundi	€14.330.000	FEŻ	El Salvador	€37.100.000	DCI - Geo
Kap Verde	€11.500.000	FEŻ	Ġeorġja	€2.000.000	DCI - Thema
Repubblika Ċentru Afrikana	€12.210.000	FEŻ	Gana	€15.000.000	DCI - Thema
Komoros	€7.270.000	FEŻ	Gwatemala	€33.800.000	DCI - Geo
Kongo (Repubblika Demokratika tal-Kongo)	€22.620.000	FEŻ	Gujana	€22.292.000	DCI - Thema
Gana	€49.020.000	FEŻ	Haiti	€5.800.000	DCI - Thema
Grenada	€5.290.000	FEŻ	Indoneżja	€145.000.000	DCI - Geo
Ginea-Bissaw	€14.950.000	FEŻ	Ġamajka	€16.816.000	DCI - Thema
Haiti	€37.580.000	FEŻ	Kirgiżistan	€9.000.000	DCI - Geo
Ġamajka	€1.900.000	FEŻ	Malawi	€15.900.000	DCI - Thema
Liberja	€20.200.000	FEŻ	Mawrizju	€61.984.000	DCI - Thema
Malawi	€33.890.000	FEŻ	Nepal	€13.000.000	DCI - Geo
Mali	€81.700.000	FEŻ	Perù	€60.800.000	DCI - Geo
Mawrizju	€44.990.000	FEŻ	Filippini	€36.000.000	DCI - Geo
Możambik	€12.110.000	FEŻ	Rwanda	€20.155.000	DCI - Thema
Niġer	€6.900.000	FEŻ	Saint Kitts u Nevis	€10.425.000	DCI - Thema
Rwanda	€41.440.000	FEŻ	Seychelles	€2.000.000	DCI - Thema
Samoa	€15.300.000	FEŻ	Afrika t'Isfel	€122.680.000	DCI - Geo
Seychelles	€16.500.000	FEŻ	Taġikistan	€7.750.000	DCI - Thema
Sjerra Leone	€18.420.000	FEŻ	Trinidad u Tobago	€10.764.000	DCI - Thema
Tanzanija	€389.840.000	FEŻ			
Togo	€15.000.000	FEŻ			
Żambja	€30.000.000	FEŻ			

Sors: AIDCO 2009. AIDCO 2009. L-ammonti jinkludu l-appoġġ baġitarju u settorjali